MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Numru 227/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ivan Cilia]**

**vs**

**Keith Attard**

**Kumpilazzjoni Numru: 227/2010**

**Illum, 9 ta’ Mejju, 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Keith Attard ta’ 30 sena bin John u Josephine nee Abela imwieled il-Pieta f’l-10 ta’ Dicembru 1979 u residenti 3, Orchidea Triq Ugo Carbonaro San Gwann u detentur tal-karta ta’ identita b’numru 5180M.

Akkuzat

1. Talli f' Settembru 2009, u fix-xhur ta' wara, f' dawn il-Gzejjer appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Wembly Stores, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizzi tieghu;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta' aktar minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37**)** a dannu ta' Wembly Stores;

3. kif ukoll talli sar recidiv ghat-termini ta'lartikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie ikkundannat b'sentenza mill-Qrati ta' Malta liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Aukat Generali biex dan il-kax jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet it-provi.

Rat l-atti processwali inkluz in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom. L-imputat in rapprezentanza tas-socjeta Med Alls Limited ghamel kuntratt ma’ Wembly Stores li permezz tieghu ntrabat li jikkonsenja x-xoghol specifikat f’dak l-istess kuntratt. Meta gie ffirmat il-kuntratt Wembly Stores hallsu l-ammont ta’ €3,500 bhala depozitu. Ghadda z-zmien u x-xoghol baqa ma giex ikkonsenjat u lanqas ma thallas lura d-depozitu ghalhekk sar rapport lill-pulizija. Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u anke mid-depozizzjoni tieghu jidher li s-socjeta Med Alls ma kenitx f’pozizzjoni li tirrifondi d-depozitu ghaliex l-ammont imhallas minn Wembly Stores intuza biex jithallas xi dejn ta’ din il-kumpanija. Jirrizulta li, in parti qabel u in parti pendente lite, kull ammont dovut lil Wembly Stores mis-socjeta Med Alls thallas.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dawk ta’ misappropjazzjoni, frodi u recidiva.

Illi ghandu jigi rilevat li mill-provi prodotti jirrizulta li fil-kors ta’ l-avvenimenti fuq deskritti Keith Attard kien qed jagixxi fil-kwalita tieghu ta’ direttur tas-socjeta Med Alls Limited. Kienet is-socjeta Med Alls Limited li ffirmat il-kuntratt ma’ Wembly Stores u kienet is-socjeta Med Alls Limited li inkassat ic-cheque ta’ €3,500 imhallas minn Wembly Stores u kienu djun  tas-socjeta Med Alls Limited li gew saldati permezz ta’dak l-ammont ta’ €3,500.

Illi huwa principju ben stabbilit li *meta xi reat isir minn korp jew ghaqda ta’ persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta’ l-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f’dik il-*

*kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat …* [1]. Konsegwentement ghal kwalunkwe reat li seta' gie kommess mis-socjeta Med Alls Limited jista' jirrispondi l-imputat sa kemm ma jurix li huwa jista' jiprevalixxi ruhu mid-difiza stipulata f'l-istess Kapitolu 249.

Illi pero mic-citazzjoni jidher li l-imputat Keith Attard gie imharrek fil-kwalita tieghu personali u mhux fil-kwalita tieghu ta' direttur tas-socjeta Med Alls Limited konsegwentement ma jistax jinghad li l-imputazzjonijiet kif dedotti jirrizultaw ghaliex l-imputat ma kienx qed jagixxi f'ismu imma f'isem is-socjeta Med Alls Limited, u l-fatti li sehhew kienu jikkoncernaw lis-socjeta Med Alls Limited u mhux lill-imputat personalment.

Ghal dawn il-motvi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ref Artikolu 13 tal-Kapitolu 249